Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 23/2013AE

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat Ronald Azzopardi u l-istess Ronald Azzopardi (KI 581454M) u Roderick Hili (KI 575788M)**

**vs**

**George Aquilina (KI 633662M) u Jean Paul Aquilina (KI 390690M)**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

L-intimati appellaw minn decizjoni tal-Arbitru tal-11 ta' Lulju 2013 li permezz taghha gew ordnati li jhallsu flimkien bejniethom lir-rikorrenti is-somma ta' hamest elef hames mija u seba' ewro u sebgha u hamsin centezmu (€5,507.57), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-17 t'Ottubru 2008 u bl-ispejjez kollha.

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fil-5 ta' Lulju 2008 fi Triq il-Kultellazz, Mosta bejn vettura CBO 031 misjuqa mill-appellat Hili u zewg vetturi pparkjati bin-numru DEN 153 u DEN 303 proprjeta tar-rikorrent Ronald Azzopardi. Ir-rikorrenti jsostnu li l-incident sehh meta l-vettura CBB 284, misjuqa minn Ronald Azzopardi, harget minn fuq sinjal STOP li hemm fit-tarf ta' Triq Cinju. It-tlett vetturi li garrbu hsarat kienu assikurati mal-kumpannija rikorrenti. Ir-rikorrenti jsostnu li l-intimat George Aquilina hu wkoll responsabbli ghaliex naqas milli jikkustodixxi l-istess vettura kif suppost skont il-ligi u/jew ippermetta lill-intimat Jean Paul Aquilina li jsuq l-istess vettura minkejja illi dan tal-ahhar ma kellux licenzja tas-sewqan.

L-intimati wiegbu li l-licenzja tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBB 284 tghajjat lill-intimat George Aquilina, liema vettura kienet qeghda tinstaq minn ibnu Jean Paul Aquilina waqt il-hin tal-incident. George Aquilina ma kienx involut fil-habta in kwistjoni. L-incident sehh kawza ta' sewqan negligenti mir-rikorrent Roderick Hili.

L-aggravji tal-apellanti huma dwar:

1. Is-sejbien ta' responsabilta' fil-konfront tal-appellanti;
2. F'kull kaz ir-responsabilta' ghall-incident kellha tinqasam f'sehem indaqs ta' 50% - 50% bejn Jean Paul Aquilina u Roderick Hili.

Fir-risposta l-appellati rribattew l-argumenti mressqa mill-appellanti u talbu lill-Qorti tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal.

Fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2015 il-partijiet iddikjaraw li ma kellhom xejn izidu mar-rikors u r-risposta tal-appell. L-appell gie differit ghas-sentenza.

**Preliminari.**

1. L-appellati ddikjaraw li l-Qorti m'ghandhiex tikkunsidra l-appell peress li l-appellanti naqsu milli jinnotifikaw lill-arbitru u lic-Centru dwar l-Arbitragg bir-rikors tal-appell, kif jitlob l-Artikolu 70(2) tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap 387). Ghalkemm mill-atti jidher li dan huwa minnu[1], pero' l-ligi ma timponi ebda sanzjoni. Fic-cirkostanzi, il-qorti tqies li l-oggezzjoni tal-appellati hi bla bazi.

2. Il-Qorti tosserva li fir-rikors tal-appell saru kummenti bla bzonn dwar l-arbitri li jintaghzlu biex jisimghu kawzi dwar incidenti tat-traffiku. Il-qorti tqies il-kummenti bhala gratuwiti. Jekk l-appellanti kellhom xi oggezzjoni dwar l-imparzjalita' jew l-indipendenza tal-arbitru, kellhom il-fakulta' li juzufruwixxu mill-Artikolu 24 tal-Kap 387. Dan mhux biss m'ghamluhx talli permezz ta' ittra datata 21 ta' Marzu 2013[2] ikkonfermaw li ma kellhom ebda diffikulta' li l-kaz quddiem jinstema' u jigi deciz mill-arbitru Dr Joseph M. Buttiegieg minflok Dr Louis Bianchi li kien irrinunzja ghan-nomina. Ghalhekk l-ilment tal-appellanti hu frivolu.

**L-ewwel aggravju.**

L-appellanti jargumentaw li l-konkluzjoni tal-Arbitru dwar George Aquilina bhala sid tal-vettura CBB 284, la ssib sostenn fit-talbiet tar-rikorrenti u lanqas fil-provi. Ghalhekk isostnu li m'ghandux responsabbilta'.

L-Abritru qal:-

*"10. L-Arbitru ra l-provi mressqa fir-rigward. Ma ngabet ebda prova pozittiva mir-rikorrenti illi George Aquilina ippermetta lill-ibnu, li ma kellux licenzja tas-sewqan, illi jsuq il-vettura in kwistjoni. Pero' fic-cirkostanzi tal-kaz, l-onus illi jipprova li hu kellu l-kustodja sodisfacenti tal-vettura de quo bhala mal-ligi tistenna minn bonus pater familias jaqa' fuq George Aquilina……*

*11. Fil-fehma tal-Arbitru George Aquilina ma gabx prova sufficjenti li permezz taghha seta*

[1] Thallset notifika wahda lill-Fogg Insurance Agencies Ltd (fol 5 tal-inkartament tal-appell). L-appellati l-ohra Ronald Azzopardi u Roderick Hili taw ruhhom b'notifikati bir-rikors tal-appell fl-istess risposta tal-appell (fol 7).

[2] fl-atti tal-inkartament tat-Tribunal.

*jikkonvinci sal-grad ta' probabilta' kif titlob il-ligi illi hu kien jaghmel dak kollu possibbli biex jevita illi l-vettura tieghu tinstaq minn ibnu li kien taht l-eta'. Ghal kuntrarju mix-xhieda tieghu jirrizulta illi hu ma kellux il-grad ta' diligenza rikjesta mil-ligi minn bonus pater familias, imma kien ihalli access liberu u shih kemm ghal garage kif ukoll ghac-cwievet tal-vettura".*

Il-Qorti tosserva li:-

i. Mill-provi ma rrizultax li dakinhar tal-incident Jean Paul Aquilina saq il-vettura bil-kunsens espress ta' missieru (George Aquilina). Il-missier xehed li ma kienx prezenti meta sehh l-incident u ma kien jaf b'xejn, lanqas dwar min kien qieghed isuq il-vettura[3]. Ikkonferma wkoll li fil-perjodu tal-incident ibnu ma kellux licenzja tas-sewqan u li kien ihalli c-cwievet tal-vettura CBB 284 fil-garaxx tax-xoghol, liema cwievet kienu accessibbli u disponibbli ghall-haddiema tieghu.
ii. Jean Paul Aquilina ammetta quddiem il-Qorti tal-Magistrati li huwa saq il-vettura msemmija minghajr ma kellu l-permess tas-sid[4].
iii. Mill-istess sentenza tal-Qorti tal-Magistrati rrizulta li meta sehh l-incident Jean Paul Aquilina kien taht l-eta' ta' tmintax il-sena. Ghalhekk kien ghadu taht is-setgha tal-genituri u ghalhekk kien responsabbli ghall-agir ta' ibnu.
iv. Bhala principju sid ta' vettura m'huwiex resposabbli ghall-incident jekk il-vettura tkun qeghda tinstaq minn terz[5]. Madankollu jezistu eccezzjonijiet fosthom.

Il-qorti hi tal-fehma li bhala sid tal-vettura CBB 284 George Aquilina ma jistax jezimi ruhu mill-obbligu jagixxi ta *bonus pater familias*. Anke jekk ma kienx hu li ta c-cwievet lill-ibnu, kien xorta jinkombi fuqu li jassikura li ibnu ma jkollux access facli ghac-cavetta tal-vettura msemmija. 'Il fatt li c-cavetta kienet tithalla fl-idejn tirrendi lill-appellant responsabbli wkoll. Dan apparti li l-qorti ssibha difficli temmen li l-appellant ma kienx jaf li ibnu qieghed isuqlu l-vettura. Mill-provi jirrizulta li dan ma kienx kaz ta' darba[6].

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

Dan l-aggravju jitratta r-responsabbilta tal-appellant Jean Paul Aquilina. L-ilment hu dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-Arbitru.

Il-qorti tosserva:-

---

[3] Xhieda ta' George Aquilina 28 ta' Settembru 2011.

[4] Dok EQ 1 ezibita mix-xhud Dr Elizabeth Quintano in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qorti Kriminali fid-19 t'Ottubru 2010 - Sentenza datata 24 ta' Settembru 2009 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

[5] **David Scerri et vs Anthony Ciantar et** (Rik 728/1997) deciza 3 t'Ottubru 2003.

[6] Lawrence Hili xehed li gimghatejn qabel kien ra lill-appellant Jean Paul Aquilina isuq l-istess vettura.

i. Aquilina[7] u l-passiggier li kellu mieghu[8] xehedu li l-vettura kienet wieqfa fuq l-*istop sign.* Sahansitra Ryan Aquilina qal li damu weqfin xi zewg minuti[9]. Verzjoni li l-qorti tqies bhala mhux kredibbli. F'kull kaz kien l-appellant stess li fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu, ammetta l-imputazzjonijiet li saq traskurat u bla kont. Din hi ammissjoni li fil-fatt l-appellant hareg minn fuq is-sinjal STOP fil-mument li mit-triq principali (Triq il-Kultelazz) kienet ghaddejja l-vettura CBO 031.

i. L-appellat Hili[10], kif ukoll zewg passiggieri[11] minn tlieta li kellu mieghu ikkonfermaw l-istess verzjoni. Qalu li waqt li kienu ghaddejjin minn Triq il-Kultelazz, harget vettura minn Triq Cinju li nvadiet il-karreggata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura li kienu rekbin fiha. Ikkonfermaw li biex Hili jevita l-habta mal-vettura ta' Aquilina, kiser fuq il-lemin u l-vettura baqghet diehla f'vettura pparkjata. Bl-impatt tad-daqqa, dik il-vettura habtet go vettura ohra pparkjata quddiemha. Xhieda li ma sarilhomx kontro-ezami.

ii. L-intimat Jean Paul Aquilina kellu vizwali tajba ta' Triq il-Kultellazz. Ryan Aquilina, passiggier fl-istess vettura, wkoll ammetta li mill-punt ta' hrug minn Triq ic-Cinju c-cint kien baxx u wiehed seta' jara l-karozzi gejjin[12].

iii. Fl-atti m'hemmx prova li fil-mument tal-incident gara xi haga ohra fi Triq il-Kultellazz li seta' wasal biex l-appellat jiehu azzjoni evaziva. L-appellat xehed li l-vettura ta' Hilli skiddjat. Pero d-dinamika tal-incident ma tindikax li l-vettura CBO 031 skiddjat.

iv. Lawrence Hili, missier ir-rikorrent, xehed li l-ghada tal-incident kien id-dar u mar ikellmu George Aquilina li nfurmah li kien lest ihallas ghall-hsara[13]. Dan id-diskors sar fil-prezenza tal-intimat. L-appellant xehed: *"Jiena dejjem bqajt fuq lis-Stop Sign u jiena qatt ma hrigt minn fuq lis-Stop Sign"*. Is-sens komun jiddetta li kieku l-vettura CBB 284 kienet wieqf fuq is-sinjal STOP, l-appellant ma kienx ser jaghmel offerta simili.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-Arbitru ghamel

---

[7] Xhieda Jean Paul Aquilina 28 ta' Settembru 2011.

[8] Xhieda Ryan Aquilina, 21 ta' Mejju 2012.

[9] Xhieda Ryan Aquilina, 21 ta' Mejju 2012.

[10] Xhieda tal-10 ta' Novembru 2009.

[11] Xhieda ta' Maria Scerri tal-21 ta' Jannar 2010 u xhieda ta' David Vella tat-28 t'April 2010.

[12] Xhieda 21 ta' Mejju 2012.

[13] 10 ta' Novembru 2009.

apprezzament korrett tal-provi. Is-sewqan traskurat tal-appellant wassal biex holoq ostakolu fil-karreggata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura ta' Hili. Manuvra li kkagunat l-incident oggett ta' dawn il-proceduri.

Finalment din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-argument tal-appellanti li ghaliex Jean Paul Aquilina ma kienx involut fil-habta ma jistax jinstab responsabbli ghall-incident. 'Il fatt li fl-incident ma sehhx kuntatt bejn il-vettura li kien qieghed isuq l-appellant u l-vettura li kien qieghed isuq l-appellat Hili, mhi ta l-ebda konsegwenza ghall-ezitu finali[14].

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

Dan l-aggravju huwa sussidjarju ghat-tieni wiehed fis-sens li jekk il-Qorti ma tilqax it-tieni aggravju, allura fil-fehma tal-appellanti din ghandha almenu taqsam ir-responsabbilta' f'sehem ugwali bejn l-appellant u l-appellat Hili. Aggravju bazat fuq zewg ragunijiet:

i. il-konkluzjoni legalment erronea tal-arbitru li bbaza l-konsiderazzjoni dwar il-kredibilta' tal-appellant Jean Paul fuq ammissjoni tieghu fi proceduri kriminali li huma separati u distinti minn dawk civili;
ii. l-arbitru ma tax konsiderazzjoni lill-*brake marks* li halla Hili li kellhom jitqiesu ndikattivi ta' sewqan eccessiv da parti tal-istess Hili.

Il-Qorti ma taqbilx. L-ammissjoni tal-appellant fil-proceduri kriminali hi fiha nnifisha prova ta' responsabbilta. 'Il fatt li l-proceduri kriminali u civili huma separati minn xulxin, ma jfissirx li dik il-prova m'hijiex ammissibbli f'kawza civili. Dan apparti li l-konkluzjoni tal-Arbitru hi bazata fuq il-provi kollha li nstemghu quddiemu u mhux biss fuq l-ammissjoni registrata fil-proceduri kriminali.

Ghal dak li jirrigwarda *brake marks*, il-Qorti tinnota li f'wiehed mir-ritratti esibiti in atti[15] jidhru sinjali ta' brejk tal-vettura CBO 031. Mit-tul taghhom il-qorti hi tal-fehma li l-Arbitru ma seta qatt jasal biex jaqbel mal-appellanti li: *"…. **Hili kien gej straxnat** u ma setax iwaqqaf il-karozza tant li baqa' diehel fi tnejn ohra wieqfa"*[16]. M'hemmx povi li Hili kien qieghed isuq b'velocita eccessiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

---

[14] **David Warrington noe vs Spiridione Zammit et** deciza minn din il-qorti (Imhallef G. Valenzia) fit-8 t'Ottubru 2004 (Cit Nru 510/1993).

[15] Ritratt 4 minn 7 fir-rapport tal-incident anness mal-Avviz ta' Arbitragg.

[16] Paragrafu 2 tar-rikors tal-appell.